IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2021
COM(2021) 401 final

2021/0222 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Kroazja

{SWD(2021) 197 final}

2021/0222 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Kroazja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Kroazja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross *per capita* (PDG *per capita*) tal-Kroazja kien ta' 42,7 % tal-medja tal-Unjoni. Skont il-previżjoni tar-Rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tal-Kroazja naqas bi 8,0 % fl-2020 u huwa mistenni li jonqos bi 3,4 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Aspetti aktar dejjiema b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu ambjent tan-negozju b'kumplikazzjonijiet żejda, spariġġi fil-ħiliet u nuqqas ta' ħaddiema, livell ta' investiment baxx fir-riċerka u l-iżvilupp u fl-infrastrutturi diġitali, li kollha kemm huma jikkontribwixxu għal tkabbir potenzjali baxx. Barra minn hekk, il-Kroazja għandha bżonn ittejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika tagħha biex tfassal, tikkoordina, timplimenta u tevalwa l-politiki pubbliċi aħjar u tiżgura li jkollha l-kapaċità li tassorbi l-fondi tal-Unjoni, fid-dawl tal-influss potenzjali ta' finanzjament tal-Unjoni li jammonta għal madwar 40 % tal-PDG fil-perjodu sa tmiem l-2027.

(2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Kroazja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha, f'konformità mal-Klawżola Liberatorja Ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti; meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali li għandhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fejn jidħol id-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment; issaħħaħ il-qafas baġitarju u l-monitoraġġ ta' obbligazzjonijiet kontinġenti fuq livell ċentrali u lokali; issaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa; u tippromwovi distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-ħaddiema u l-faċilitajiet tas-saħħa, kooperazzjoni aktar mil-qrib bejn il-livelli

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

kollha tal-amministrazzjoni u l-investimenti fis-saħħa elettronika. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li jissaħħu l-miżuri u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-koordinazzjoni tagħhom mas-servizzi soċjali, filwaqt li jiġu kkonsolidati l-benefiċċji soċjali u tittejjeb il-kapaċità tagħhom li jnaqqsu l-faqar. Irrakkomanda wkoll li titwettaq ir-riforma tal-edukazzjoni u li ttejjeb kemm l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, u l-kwalità tagħhom, kif ukoll ir-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol, filwaqt li tippromwovi wkoll il-kisba tal-ħiliet. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Kroazja żżomm il-miżuri biex tipprovdi l-likwidità lill-intrapriżi żgħar u medji u lil dawk li jaħdmu għal rashom; tkompli tnaqqas l-imposti parafiskali u r-restrizzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodotti u s-servizzi; ittejjeb il-governanza korporattiva fl-intrapriżi tal-Istat u tintensifika l-bejgħ ta' tali intrapriżi u assi mhux produttivi. Il-Kunsill irrakkomanda lill-Kroazja biex issaħħaħ il-kapaċità u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika biex tfassal u timplimenta proġetti pubbliċi u politiki fil-livelli ċentrali u lokali; tnaqqas il-frammentazzjoni territorjali tal-amministrazzjoni pubblika u tissimplifika d-distribuzzjoni funzjonali tal-kompetenzi; u tintroduċi, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, oqfsa armonizzati tal-iffissar tal-pagi madwar l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi. Ġie rrakkomandat ukoll li l-Kroazja tiffinanzja proġetti maturi b'investiment pubbliku mill-bidu u tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport urban u ferrovjarju sostenibbli, l-enerġija nadifa, sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura ambjentali, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, hija u tqis id-diskrepanzi reġjonali. Finalment, il-Kunsill irrakkomanda t-tisħiħ tal-prevenzjoni u s-sanzjonar tal-korruzzjoni, b'mod partikolari fil-livell lokali, u t-titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Wara li vvalutat il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni sabet li r-rakkomandazzjoni dwar rispons immedjat tal-politika fiskali biex il-pandemija tiġi indirizzata b'mod effettiv, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru sussegwenti, kif ukoll ir-rakkomandazzjoni biex tinżamm likwidità adegwata għall-SMEs u għal dawk li jaħdmu għal rashom ġew implimentati kompletament.

(3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat reviżjoni fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] għall-Kroazja. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Kroazja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, dovuti b'mod partikolari għad-dejn pubbliku, privat u estern, f'kuntest ta' tkabbir potenzjali baxx.

(4) Fl-14 ta' Mejju 2021, il-Kroazja ssottomettiet il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din is-sottomissjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u partijiet ikkonċernati oħrajn. Is-sjieda nazzjonali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tirfed l-implimentazzjoni b'suċċess u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali, u l-kredibbiltà tagħhom fil-livell tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida għall-valutazzjoni tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

(5) Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jsegwu l-objettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 u tal-Istrument ta' Rkupru tal-UE stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094[3] sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(6) L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat ta' investiment u ta' riformi fl-Unjoni. Permezz tal-implimentazzjoni kkoordinata u simultanja ta' dawn ir-riformi u l-investimenti, u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera, dawn ir-riformi u l-investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

(7) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a) u t-Taqsima 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u adegwatament ibbilanċjat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat.

(8) Il-pjan jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastri kollha, b'għadd sinifikanti ta' komponenti tal-pjan li jindirizzaw diversi pilastri. Tali approċċ jikkontribwixxi biex jiżgura li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv u koerenti. Barra minn hekk, minħabba l-isfidi speċifiċi tal-Kroazja, l-enfasi partikolari fuq it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u fuq ir-reżiljenza ekonomika u istituzzjonali, flimkien mal-ponderazzjoni globali bejn il-pilastri, hija meqjusa bħala adegwatament ekwilibrata.

(9) Id-dimensjoni ekoloġika tal-pjan tinkludi miżuri rilevanti li huma mistennija jikkontribwixxu għall-mira klimatika u għall-preservazzjoni tal-ambjent u tal-bijodiversità. Il-komponenti ewlenin li jiffukaw fuq it-tranżizzjoni ekoloġika jikkonsistu f'investimenti fir-rinnovazzjoni tal-bini, fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, fil-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma u fil-mobbiltà sostenibbli u innovattiva. Barra minn hekk, il-pjan jinkludi sforzi ta' investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi u t-tranżizzjoni lejn impjiegi ekoloġiċi u l-ekonomija ċirkolari. Hemm enfasi espliċita fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Kroazja, b'bosta miżuri biex jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-forniment ta' servizzi pubbliċi online. L-investimenti fil-konnettività diġitali fissa u wireless u r-riformi komplementari f'konformità mal-inizjattiva emblematika tal-Unjoni dwar il-

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 23).

Konnettività Diġitali u s-sett ta' għodod komuni tal-Unjoni għall-Konnettività[4] huma inklużi wkoll biex jiffaċilitaw l-investiment f'infrastrutturi diġitali f'żoni rurali remoti li għadhom lura f'termini ta' servizzi ta' konnettività tal-gigabits.

(10) Il-kontribuzzjoni tal-pjan għall-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha enfasi qawwija fuq it-titjib tal-ambjent tan-negozju, l-appoġġ għall-SMEs u l-intrapriżi kbar, flimkien mal-inċentivazzjoni tal-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp. Il-miżuri jinvolvu li jkompli jitnaqqas il-piż amministrattiv u parafiskali tan-negozji, il-liberalizzazzjoni ta' bosta professjonijiet regolati, il-faċilitazzjoni tal-aċċess tan-negozji għall-kapital biex jiksbu rati ogħla ta' kompetittività u jżidu l-produttività, u fl-istess ħin jadattaw il-proċessi tan-negozju tagħhom għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, inkluż billi jżidu l-investiment tagħhom fit-teknoloġija ekoloġika. Barra minn hekk, il-pjan jiffoka fuq iż-żieda tas-sostenibbiltà u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali fis-settur tat-turiżmu, b'mod partikolari permezz tal-aġġornament tal-infrastruttura biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tagħha u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, waqt li tiġi promossa l-adozzjoni ta' pjanijiet tan-negozju ġodda li jimxu mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. Il-koeżjoni soċjali mistennija li tissaħħaħ prinċipalment permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jimmiraw ukoll lejn gruppi vulnerabbli, miżuri fl-edukazzjoni u permezz ta' politiki soċjali mmirati lejn it-tnaqqis tal-faqar. Barra minn hekk, il-koeżjoni territorjali, b'mod partikolari l-aċċessibbiltà u l-konnettività ta' żoni u gżejjer b'popolazzjoni inqas densa, mistennija li tittejjeb permezz tal-espansjoni, l-aġġornament u t-titjib tal-ġestjoni tal-infrastrutturi tat-toroq, ferrovjarji u marittima, billi tiġi żgurata konnessjoni aħjar tal-grilja elettrika nofsinhar-tramuntana u bl-aġġornament tas-sistemi pubbliċi tad-drenaġġ u tal-provvista tal-ilma.

(11) Il-pilastru dwar ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, soċjali u istituzzjonali jibbenefika minn titjib fis-sistema tas-saħħa f'termini tar-riformi strutturali neċessarji kif ukoll ir-rekwiżiti tal-infrastruttura u t-tagħmir mediku, u b'hekk isaħħaħ ukoll il-koeżjoni u l-konverġenza ekonomiċi, soċjali u territorjali fil-Kroazja u l-Unjoni. Barra minn hekk, huma previsti miżuri biex fit-territorju kollu jkun hemm kopertura tal-kura tas-saħħa primarja u d-disponibbiltà tal-mediċini, biex b'hekk tittejjeb ir-reżiljenza u t-tħejjija tas-sistema tas-saħħa waqt li fl-istess ħin tiżdied il-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali u remoti u fil-gżejjer. Il-kura fit-tul hija appoġġata mill-pjan b'investimenti biex iżidu d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi fid-djar u fil-komunità, kif ukoll tal-kura istituzzjonali esklussivament għal dawk li funzjonament jiddependu kompletament fuqha, u hemm ukoll bosta komponenti ddedikati għat-tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika u r-reżiljenza istituzzjonali. Il-pjan jinkludi miżuri importanti fl-edukazzjoni, b'mod partikolari ż-żieda tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal permezz ta' investiment fl-infrastruttura, il-faċilitazzjoni tal-edukazzjoni b'xift wieħed u ż-żieda tas-sigħat tat-tagħlim obbligatorji fl-iskejjel primarji, ir-reviżjoni tal-kurrikuli, u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja, li huma mistennija li jtejbu l-eżiti edukattivi b'mod viżibbli. Ir-riformi huma mistennija jnaqqsu l-frammentazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka pubbliċi, li se jimxu lejn finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni orjentat lejn ir-riżultati, u jtejbu l-progress tal-karrieri fir-riċerka b'enfasi speċifika fuq l-oqsma tax-xjenza, t-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1307: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32020H1307

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż

(12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) u t-Taqsima 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jindirizza b' mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevant, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, indirizzati lill-Kroazja jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra uffiċjalment adottati mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(13) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-ambitu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Kroazja minkejja l-fatt li l-Kroazja ġeneralment wieġbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li tappoġġa l-ekonomija permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u l-2021, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Klawżola Liberatorja Ġenerali.

(14) Il-pjan jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti tagħhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Kroazja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari fl-oqsma tal-amministrazzjoni pubblika, ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet speċjalment għall-gruppi vulnerabbli, il-klima u t-tranżizzjoni diġitali u fil-qasam tal-ambjent tan-negozju u tas-sistema ġudizzjarja.

(15) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri biex isaħħu l-qafas baġitarju, u jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-amministrazzjoni pubblika Kroata, inkluż il-qafas tal-iffissar tal-pagi u l-frammentazzjoni fil-livell tal-gvern lokali. Hemm miżuri speċifiċi mmirati biex isaħħu l-kapaċità u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika biex tfassal u timplimenta proġetti pubbliċi u l-politiki. Il-pjan Kroat jipprevedi miżuri biex itejbu l-effettività tas-sistema ġudizzjarja u jippreżenta impenji konkreti biex jitqassar it-tul tal-proċedimenti tal-qorti, jitnaqqsu l-każijiet pendenti u tittejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Il-pjan jipprevedi wkoll it-tisħiħ tal-prevenzjoni u s-sanzjonar tal-korruzzjoni.

(16) Il-pjan jindirizza r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għar-riforma tal-edukazzjoni permezz ta' miżuri li jżidu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), iżidu l-għadd ta' sigħat ta' tagħlim obbligatorji fl-iskejjel primarji, jaġġornaw il-kurrikuli tal-iskola, jippromwovu l-ħiliet diġitali u jimmodernizzaw l-edukazzjoni għolja. Riformi u investimenti mmirati għandhom itejbu l-proċessi fis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi u jgħinu biex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol billi jadottaw politiki attivi tas-suq tax-xogħol, jistabbilixxu kupuni għal programmi ta' taħriġ u titjib tal-ħiliet, u jemendaw il-liġi tax-xogħol. L-isfidi li jikkonċernaw is-sistema ta' protezzjoni soċjali Kroata huma indirizzati permezz ta' miżuri li jtejbu l-kopertura, l-adegwatezza u l-immirar tal-benefiċċji soċjali u jippermettu l-iżvilupp ta' servizzi soċjali ġodda.

(17) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Kroat mistenni li jtejjeb l-ambjent tan-negozju fil-Kroazja u jindirizza l-ostakli għat-tkabbir u l-investiment, kif identifikati f'rakkomandazzjonijiet suċċessivi tal-Kunsill. Il-pakkett ta'miżuri li jindirizza l-

ambjent tan-negozju għandu l-għan li jnaqqas il-piż amministrattiv u l-imposti parafiskali, li jnaqqas ir-rekwiżiti regolatorji għas-servizzi professjonali, u li jżid l-aċċess għall-finanzjament. Il-miżuri inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom ukoll l-għan li jtejbu l-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-Istat u li jintensifikaw il-bejgħ ta' tali intrapriżi u ta' assi improduttivi. Parti sinifikanti mill-investimenti jenħtieġ li tkun orjentata lejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Investimenti importanti ppjanati fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma mmirati biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika u l-infrastruttura ambjentali, u sistema tat-trasport aktar effiċjenti. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Kroat jipprevedi miżuri ulterjuri biex jindirizzaw ukoll ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-Kunsill għall-Kroazja, inklużi dawk fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kura tas-saħħa.

(18) Billi jindirizza l-isfidi msemmija, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll biex jikkoreġi l-iżbilanċi[5] li qed tesperjenza l-Kroazja, b'mod partikolari fir-rigward ta' livelli għoljin ta' dejn pubbliku, privat u estern, f'kuntest ta' tkabbir potenzjali baxx.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

(19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c) u t-Taqsima 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Istat Membru, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

(20) Is-simulazzjonijiet mill-Kummissjoni juru li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Kroazja bi 2,9 %[6] sal-2026. L-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi fil-pjan mistennija li tgħin biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet ekonomiċi ewlenin tal-Kroazja, bħall-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi relattivament baxxi tagħha. L-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni huma mistennija li jkunu ta' benefiċċju għall-kompetittività u l-produttività tal-Kroazja, filwaqt li t-titjib tal-ħiliet jista' jtejjeb il-kompetittività tal-forza tax-xogħol u jnaqqas id-diskrepanzi fil-ħiliet u l-isparigġi fis-suq tax-xogħol. Investimenti sostanzjali fl-edukazzjoni għandhom jgħinu biex jitjiebu l-eżiti tat-tagħlim. Dawn il-miżuri kollha mistennija jżidu l-kapital uman, il-produttività tax-xogħol u b'hekk iżidu l-kontribut tax-xogħol għat-tkabbir potenzjali.

(21) It-tkomplija tal-liberalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi, inkluż ta' bosta servizzi professjonali, mistennija li tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi, iżżid il-kompetizzjoni u toħloq aktar impjiegi. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-imposti

[5] Dawn l-iżbilanċi makroekonomiċi jirreferu għar-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u l-2020.

[6] Simulazzjonijiet bħal dawn jirriflettu l-impatt ġenerali ta' Next Generation EU, li jinkludi wkoll finanzjament għal ReactEU, u aktar finanzjament għal Orizzont Ewropa, InvestEU, JTF, Żvilupp Rurali u RescEU. Tali simulazzjoni ma tinkludix l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali.

parafiskali, flimkien ma' miżuri amministrattivi relatati mat-titjib tal-governanza tal-intrapriżi tal-istat u tal-akkwist pubbliku, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet kontra l-ħasil tal-flus ser jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji tal-Kroazja wara li ngħaqdet mal-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju Ewropew ("ERM II"). Dawn il-passi se jkollhom effett pożittiv fuq il-kunfidenza tal-investituri, u jagħmlu lill-Kroazja aktar attraenti għall-investimenti minn barra u t-trasferiment tal-għarfien. Dawn ir-riformi, flimkien ma' investimenti f'sistema tat-trasport aktar effiċjenti, id-dekarbonizzazzjoni ulterjuri tal-industriji, iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika tal-bini, u l-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali mistennija jagħtu spinta lill-kompetittività u jagħmlu l-ekonomija inġenerali aktar sostenibbli.

(22) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri mmirati biex itejbu l-impjegabbiltà tal-persuni l-aktar persuni vulnerabbli, u b'hekk jitnaqqsu l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-Kroazja huwa marbut mill-qrib mal-qgħad u l-inattività. Il-persuni anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u dawk li jgħixu f'familji mingħajr impjieg huma relattivament aktar esposti għar-riskji tal-faqar, filwaqt l-kopertura kif ukoll l-adegwatezza tal-iskema tal-benefiċċji tal-qgħad għadhom baxxi. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-impenn li jżid l-adegwatezza u jwessa' l-kopertura tal-"Benefiċċju Minimu Garantit", il-benefiċċju ewlieni mfassal biex jitnaqqas il-faqar. Bl-istess mod, l-ammont tal-benefiċċju tal-qgħad jenħtieġ li jiżdied u d-durata tiegħu tittawwal, u l-pensjonijiet minimi jentħieġ li jiżdiedu. Barra minn hekk, il-miżuri relatati mat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet fis-settur tat-turiżmu u f'oqsma ekoloġiċi u diġitali għandhom enfasi speċjali fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli.

(23) Il-pjan jinkludi diversi interventi biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, immirati, fost l-oħrajn, lejn l-espansjoni tal-aċċess għall-edukazzjoniu l-kura bikrija tat-tfal, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali għall-iskambju ta' *data* dwar il-benefiċċji soċjali, u l-introduzzjoni ta' servizzi ta' mentoraġġ soċjali biex jippromwovi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, partikolarment għaż-żgħażagħ.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

(24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d) u t-Taqsima 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

(25) F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" adottata mill-Kummissjoni (2021/C 58/01), il-Kroazja pprovdiet evidenza u assigurazzjonijiet li jissostanzjaw li l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma għandhomx jagħmlu ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u

[7] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi.

(26) Billi jintgħażlu miżuri li jew jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-objettivi ambjentali, jew li ma jkollhom l-ebda impatt prevedibbli jew impatt insinifikanti prevedibbli fuq l-objettivi ambjentali, huwa mistenni li bosta miżuri fil-pjan ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti fil-prinċipju, bħal fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fis-suq tax-xogħol, fl-amministrazzjoni pubblika. Fejn meħtieġ, objettivi intermedji u miri speċifiċi għandhom jiżguraw li tiġi evitata ħsara sinifikanti. B'mod partikolari, l-investiment fil-ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju ma għandux jinvolvi x-xiri jew l-użu ta' tagħmir għall-applikazzjoni tal-irkupru assistit taż-żejt u lanqas żieda fil-produzzjoni taż-żejt. B'mod simili, għall-investimenti ġeotermali, objettiv intermedju u mira għandhom jiżguraw li l-proġetti ma jkunu jinkludu l-ebda esplorazzjoni jew estrazzjoni taż-żejt jew tal-gass, li l-ebda tagħmir ma jinxtara għal skopijiet bħal dawn, li l-ebda metan ma jiġi rilaxxat u li t-tħaffir ġeotermali ma jkollu l-ebda impatt dannuż marbut mal-iskarsezza tal-ilma u l-kwalità tal-ilma. Il-proġett ta' investiment tal-ajruport ta' Zadar għandu enfasi speċifika fuq l-elettrifikazzjoni tal-ajruport u l-installazzjoni tal-fotovoltajka, filwaqt li jiżgura li l-ebda appoġġ skont ir-Regolament (UE) 2021/241 mhu se jintuża għall-estensjoni fiżika tal-ajruport. Pass importanti għall-investiment fl-inċineraturi mediċi fiċ-ċentru tal-belt ta' Zagreb għandu jiżgura li l-inċineraturi jkunu jinkludu linji għall-irkupru tal-enerġija ta' skart mediku perikoluż mhux riċiklabbli b'sistema ta' tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija u sistema ta' monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet. Ingħatat ukoll attenzjoni partikolari lil skemi orizzontali, fejn l-objettivi intermedji jenħtieġ li jiżguraw li r-rekwiżiti għall-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jkunu minquxa fit-tfassil tal-iskemi.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

(27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u t-Taqsima 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jikkostitwixxu ammont li jirrappreżenta 40,3 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għall-2021-2030.

(28) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi riformi u investimenti dejjiema li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan jinkludi investiment fl-effiċjenza enerġetika permezz tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini pubbliku u privat, riformi biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, investimenti fl-enerġija ġeotermali, u fil-grilja tal-elettriku u tad-distribuzzjoni biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-investimenti fil-qbid u l-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju għandhom jipprovdu dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, b'potenzjal ta' mitigazzjoni tal-klima. Barra minn hekk, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-użu ta' bijokarburanti avvanzati, il-produzzjoni ta' idroġenu rinnovabbli u l-introduzzjoni ta' infrastruttura ta' riforniment li kollha se trawwem bidla lejn mobbiltà sostenibbli fid-deċennju li ġej. Jippromwovi l-bidla modali mit-triq għall-ferrovija, u jinvesti f'vetturi u bastimenti b'emissjonijiet żero u f'appoġġ għall-infrastruttura relatata. Finalment, l-investimenti fl-iżvilupp ta' ħiliet

ekoloġiċi, u l-appoġġ għall-SMEs u l-intrapriżi l-kbar biex jinvestu fi proċessi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent u biex jagħmlu t-turiżmu aktar sostenibbli wkoll mistennija jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ekoloġiċi.

(29) B'mod ġenerali, ir-riformi u l-investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika huma allinjati mal-pjanijiet nazzjonali eżistenti. F'termini ta' politiki ambjentali, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni li jikkontribwixxi direttament għal ġestjoni mtejba tar-riżorsi naturali. Il-pjan jinkludi investimenti fl-infrastruttura biex jittejbu s-sistemi tal-ilma u tal-ilma mormi, u biex titħaffef il-bidla lejn ekonomija ċirkolari. Qed jiġi allokat finanzjament għal infrastruttura ġdida biex jitnaqqas is-sehem tal-iskart li jintbagħat fil-miżbliet, inklużi l-faċilitajiet tar-riċiklaġġ u ċ-ċentri tas-separazzjoni tal-iskart. Il-pjan jinkludi investimenti li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fis-settur agrikolu biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-ħela ta' ikel. Jinkludi wkoll miżuri dedikati biex jappoġġaw il-protezzjoni tal-bijodiversità, bħar-restawr tax-xmajjar, l-imqagħad u l-eliminazzjoni ta' speċijiet invażivi fiż-żona sensittiva tad-delta ta' Neretva. Dawn il-miżuri għandhom jiżguraw impatt dejjiemi tal-pjan Kroat għall-irkupru u r-reżiljenza fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fuq il-bijodiversità u l-protezzjoni ambjentali.

(30) Ir-riformi u l-investimenti mistennija li jagħtu kontribut sinifikanti għall-avvanz tal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tal-klima tal-Kroazja kif stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali Kroat għall-Enerġija u l-Klima għall-2030 u fl-istrateġija fit-tul għad-dekarbonizzazzjoni. Dwar l-objettivi ambjentali kif definiti fir-Regolament (UE) 2020/852, il-pjan jinkludi miżuri ta' mitigazzjoni klimatiċi notevoli li bl-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, primarjament permezz tat-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini, investimenti biex jippromwovu l-adozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport, kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji innovattivi. Il-pjan jinkludi miżuri importanti relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż l-appoġġ għall-użu sostenibbli tas-sorsi tal-ilma billi jitnaqqas it-telf tal-ilma u l-konsum tal-enerġija fin-netwerks tal-provvista tal-ilma. Il-pjan jinkludi wkoll investimenti mdaqqsa fil-prevenzjoni tar-riskju ta' għargħar li jippromwovu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Il-pjan Kroat huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u għall-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

(31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u t-Taqsima 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal 20,4 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.

(32) Azzjonijiet li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali huma preżenti fil-pjan kollu tal-Kroazja għall-irkupru u r-reżiljenza, li jirriflettu n-natura wiesgħa u trasversali tal-isforzi ta' diġitalizzazzjoni previsti. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiddedika komponent wieħed esklussivament għat-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Kroazja, b'miżuri konsistenti biex jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-għoti ta' servizzi pubbliċi diġitali. Dan jinkludi wkoll investimenti fil-konnettività diġitali, li huma mistennija li jtejbu l-infrastruttura diġitali

għas-servizzi tal-internet fissi u mobbli f'żoni rurali remoti li għadhom lura f'dak li għandu x'jaqsam mal-inklużjoni diġitali.

(33) Lil hinn minn dan il-komponent speċifiku ddedikat għat-tranżizzjoni diġitali, il-biċċa l-kbira tal-komponenti l-oħra wkoll jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali tal-Kroazja. Il-pjan jinkludi miżuri sinifikanti għad-diġitalizzazzjoni tas-setturi tat-trasport, tal-enerġija, tas-saħħa, tal-ġustizzja u tal-edukazzjoni, b'investiment speċifiku għal għodod diġitali għall-edukazzjoni għolja. L-iżvilupp ta' strateġija komprensiva huwa ppjanat biex jidderieġi t-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u l-ekonomija tal-Kroazja għad-deċennju li ġej, u jiddefinixxi l-objettivi strateġiċi għat-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija, tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ġustizzja, il-konnettività diġitali u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali.

(34) Ir-riformi u l-investimenti relatati mas-settur diġitali appoġġati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi. Pereżempju, l-investimenti li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika tal-Kroazja huma mistennija li jwasslu għal tibdil sistemiku lejn l-iżvilupp ta' sistemi interoperabbli fil-livell nazzjonali u internazzjonali u lejn teħid ta' deċiżjonijiet fl-amministrazzjoni pubblika bbażat fuq id-*data*. Huma mistennija wkoll li jittrasformaw l-interazzjoni bejn l-amministrazzjoni pubblika tal-Kroazja u l-utenti tagħha. L-investimenti fil-konnettività huma mistennija wkoll li jgħinu biex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn iż-żoni urbani u dawk rurali, u huma mistennija miżuri komplementari minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn biex jiżguraw li jinkisbu l-objettivi tal-gigabits tal-Unjoni.

Impatt fit-tul

(35) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g) u t-Taqsima 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jkollu impatt (Klassifikazzjoni A) fit-tul fuq il-Kroazja.

(36) Ir-riformi biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq in-negozji billi jitnaqqsu r-regolamenti kkumplikati u jitnaqqsu l-imposti parafiskali huma mistennija li jibbenefikaw il-ħolqien tal-valur fis-settur privat. B'mod simili, il-miżuri kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus, kif ukoll ir-riformi biex jitnaqqas ix-xogħol pendenti u jiġu aċċellerati ż-żminijiet ta' riżoluzzjoni fis-sistema ġudizzjarja mistennija li jsaħħu l-istituzzjonijiet u jżidu l-fiduċja tal-investituri, u jgħinu lill-Kroazja tattira l-investimenti u l-għarfien espert. Ir-riformi għal-liberalizzazzjoni tal-professjonijiet regolati mistennija jżidu l-kompetizzjoni fl-ekonomija għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-ħolqien tal-impjiegi. Ir-riformi li jtejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż skema mtejba ta' inċentivi tat-taxxa tar-riċerka u żvilupp u programmi ta' appoġġ għall-innovazzjoni, huma mistennija li jsaħħu l-iżvilupp ta' oqsma ta' eċċellenza u jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq il-produttività u l-ekonomija inġenerali. It-titjib fil-governanza tal-intrapriżi tal-istat u l-bejgħ intensifikat ta' tali intrapriżi u assi improduttivi mistennija li jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq l-effiċjenza allokattiva fl-ekonomija. Hemm ukoll inizjattivi sinifikanti biex itejbu l-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni tagħhom, bħar-reġistrazzjoni ta' negozju u l-ħlas ta' tariffi, u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-uffiċjali pubbliċi, li għandu jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq il-kwalità tal-forniment tas-servizzi kemm għan-negozji kif ukoll għall-unitajiet domestiċi.

(37) L-investimenti fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fil-ħiliet tas-suq tax-xogħol huma mistennija li jkollhom effetti pożittivi fit-tul fuq il-kapital uman. L-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni mistennija jkunu ta' benefiċċju għall-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji, filwaqt li l-investimenti fl-enerġija nadifa, it-turiżmu sostenibbli, l-immodernizzar tas-sistema tat-trasport, it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika mistennija jtejbu s-sostenibbiltà tal-ekonomija strutturalment u se jattiraw investimenti addizzjonali maż-żmien. Il-kombinazzjoni ta' rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-enerġija u siżmiċi tal-bini wkoll mistennija jkollhom impatt fit-tul kemm fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija kif ukoll fuq it-titjib tas-sikurezza.

(38) L-impatt fit-tul tal-pjan jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn il-pjan u programmi oħra ffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruq fondi u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ tal-implimentazzjoni

(39) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h) u t-Taqsima 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

(40) L-implimentazzjoni tal-miżuri tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li tinvolvi diversi istituzzjonijiet tal-gvern. Korp ta' Koordinazzjoni Ċentrali, li għandu jiġi stabbilit taħt il-Ministeru tal-Finanzi, ikun jikkostitwixxi l-korp nazzjonali ewlieni inkarigat mill-koordinazzjoni u l-monitoraġġ ġenerali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-monitoraġġ attiv tal-progress tal-miżuri, abbażi tal-objettivi intermedji u l-miri stabbiliti għal kull komponent. Ir-responsabbiltà immedjata għall-implimentazzjoni tar-riforma u l-investiment tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza se tkun tal-Ministeri kompetenti, filwaqt li l-Kumitat ta' Implimentazzjoni fil-livell tal-Ministri mistenni jiżgura l-konsistenza fl-użu tal-fondi kollha tal-Unjoni. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiddefinixxi l-objettivi intermedji u l-miri għal kull investiment u riforma inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-għadd ta' objettivi intermedji u miri huwa proporzjonat mal-għadd ta' miżuri u d-daqs tal-pjan relattiv għall-ekonomija Kroata. L-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi proposti użati għall-objettivi intermedji u l-miri huma ċari, realistiċi u komprensivi biżżejjed biex jiżguraw li t-tlestija tagħhom tkun tista' tiġi ttraċċata u vverifikata. Filwaqt li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jippreżenta arranġamenti komprensivi ta' koordinazzjoni, implimentazzjoni u monitoraġġ, l-implimentazzjoni tiegħu għandha tiddependi b'mod kruċjali fuq il-kapaċità amministrattiva u ta' implimentazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni, li wħud minnhom għad iridu jiġu identifikati jew stabbiliti. Għaldaqstant, trid tingħata attenzjoni partikolari għat-twaqqif tal-istruttura ta' implimentazzjoni u koordinazzjoni, li l-Korp Ċentrali ta' Koordinazzjoni tagħha huwa previst li jiġi stabbilit sa tmiem l-2021 kif rifless fl-objettiv intermedju dedikat.

(41) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jrid jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan tagħhom.

Estimi tal-kostijiet

(42) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) u t-Taqsima 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fil-pjan dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

(43) Il-Kroazja ġeneralment ipprovdiet diżaggregazzjoni dettaljata tal-kost għal kull miżura, b'referenzi għal proġetti simili li saru qabel jew studji mwettqa biex tiġġustifika ċ-ċifri tal-kostijiet u spjegazzjonijiet adegwati tal-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-kostijiet totali. Għad-diversi miżuri fejn l-ispejjeż ma jistgħux jiġu ddeterminati fid-dettall minn qabel, bħal pereżempju għal proġetti li għandhom jintgħażlu permezz ta' proċeduri kompetittivi bħal sejħiet għal proposti, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ġeneralment jipprovdi ġustifikazzjoni, bl-użu tal-esperjenza mgħoddija, li l-ispejjeż mhumiex sproporzjonati mal-għanijiet tal-miżura. Għall-maġġoranza sinifikanti tal-miżuri, l-istimi tal-kostijiet huma meqjusa raġonevoli u plawżibbli. Filwaqt li l-Kroazja għamlet sforz sostanzjali biex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ikkostjar, il-metodoloġija u l-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż ma jkoprux l-elementi kollha tal-miżuri b'mod konsistenti, b'xi partijiet tal-kost totali f'xi każijiet neqsin minn spjegazzjoni. Għal għadd limitat ta' stimi tal-ispejjeż, il-kostijiet qabżu l-firxa tal-kostijiet stabbilita minn proġetti komparabbli sa ċertu punt. Minħabba li, għal dawk l-istimi tal-kostijiet, il-metodoloġija użata mhijiex spjegata tajjeb biżżejjed u r-rabta bejn il-ġustifikazzjoni u l-kost innifsu xi drabi mhijiex għalkollox ċara, klassifikazzjoni ogħla tal-kriterju tal-valutazzjoni tal-ikkostjar hija prekluża. Finalment, il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa raġonevoli u plawżibbli u huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji

(44) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j) u t-Taqsima 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li effettivament jevitaw il-finanzjament doppju minn dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-UE, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-finanzi tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

(45) Is-sistema għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fil-Kroazja hija deskritta kif xieraq. Hija mfassla b'mod koerenti u bbażata fuq proċessi u strutturi robusti, b'mod partikolari, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi għall-kontrolli u l-awditi huma ċari, il-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati kif xieraq u l-indipendenza tal-atturi li jwettqu l-awditi hija żgurata. Il-korp ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-pjan għandu jkun id-Direttorat għall-Analiżi Makroekonomika fi

[8] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (OJ L 433I , 22.12.2020, p. 1).

ħdan il-Ministeru tal-Finanzi. Għal kull komponent u subkomponent, inħatret l-awtorità kompetenti fil-livell tal-ministeru u tal-uffiċċju tal-gvern ċentrali għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti, f'konformità mal-kompetenza settorjali prevista fl-Att dwar is-Sistema tal-Amministrazzjoni tal-Istat. Id-dipartiment tal-Fond Nazzjonali fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi jenħtieġ li jkun il-korp responsabbli għat-tħejjija u t-trażmissjoni tat-talbiet għall-ħlas lill-Kummissjoni Ewropea, fuq bażi semiannwali, wara verifika tal-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri, u akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju tal-awditi mwettqa. Il-kompiti tal-awtorità tal-awditjar huma assenjati lill-Aġenzija għall-awditu tas-sistema ta' implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni Ewropea ("ARPA").

(46) Ġeneralment, l-arranġamenti proposti mill-Kroazja fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont ir-Regolament (UE) 2021/241, inkluż l-arranġamenti mmirati biex jiġi evitat il-finanzjament doppju huma vvalutati bħala adegwati. L-objettivi intermedji li jappartjenu għall-istabbiliment tal-mandat legali tal-korpi involuti fl-implimentazzjoni u l-kontroll, il-korp ta' Koordinazzjoni u t-titjib tas-sistema tal-IT jenħtieġ li jintlaħqu qabel tiġi sottomessa l-ewwel talba għal pagament. Barra minn hekk, l-atturi responsabbli għall-kontrolli jenħtieġ li jkollhom is-setgħa legali u l-kapaċità amministrattiva biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti ppjanati tagħhom, dment li l-objettivi intermedji li jappartjenu għall-analiżi tal-ammont ta' xogħol u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minnha jiġu ssodisfati mhux aktar tard miż-żmien tas-sottomissjoni tal-ewwel talba għal pagament.

Koerenza tal-pjan

(47) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k) u t-Taqsima 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan jinkludi ħafna miżuri (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

(48) Il-pjan Kroat għall-irkupru u r-reżiljenza huwa strutturat madwar ħames komponenti u inizjattiva waħda, li huma koerenti u jappoġġaw l-objettivi komuni biex jiġi stimulat l-irkupru tal-ekonomija Kroata u jittaffa l-impatt tal-COVID-19, biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u t-tkabbir inklużiv, u biex iżidu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija Kroata. Il-komponenti tal-pjan, speċjalment l-"Inizjattiva: Rinnovazzjoni tal-Bini ", mistennija jikkontribwixxu wkoll għar-rikostruzzjoni tal-ħsara kkawżata minn żewġ terremoti devastanti, li fl-2020 laqtu lill-Kroazja ċentrali b'konsegwenzi f'Zagreb u l-madwar, u r-reġjun ta' Banovina. Kull wieħed mill-ħames komponenti u l-inizjattiva huma mibnija madwar pakketti koerenti kemm ta' riformi kif ukoll ta' investimenti, b'miżuri li jsaħħu lil xulxin u/jew jikkomplementaw lil xulxin. Jeżistu wkoll sinerġiji fil-komponenti u l-inizjattivi differenti, u l-ebda miżura ma tikkontradixxi jew timmina l-effettività ta' oħra.

Ugwaljanza

(49) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri li jistgħu jgħin biex tiżdied il-parteċipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol. Ir-riforma tax-xogħol hija mistennija li tikkontribwixxi għal dan l-objettiv, tiffaċilita l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, tnaqqas indirettament id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u tindirizza d-differenza kbira bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet. Il-pjan għandu jiffinanzja proġetti tal-ICT li jindirizzaw kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza. Jinkludi riforma tas-sistema edukattiva li għandha l-għan li tiżgura opportunitajiet indaqs għat-tfal kollha,

prinċipalment billi żżid il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-għadd ta' sigħat ta' tagħlim fl-iskola primarja. Jenħtieġ li l-Kroazja tiżviluppa servizzi ta' mentoraġġ soċjali li għandhom jappoġġaw gruppi ta' benefiċjarji li diffiċli jintlaħqu bħall-persuni b'diżabbiltà, vittmi ta' vjolenza, persuni mingħajr dar, migranti, ir-Rom u żgħażagħ li jitilqu mis-sistema ta' assistenza soċjali biex tgħinhom fl-impjiegi. Il-pjan jipprevedi diversi investimenti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabbiltà, bħal miżuri biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà fiżika għall-bini u l-ambjent tal-akkomodazzjoni, biex jiġu pprovduti servizzi ta' mobbiltà adegwati, jiġi promoss aċċess ibridu għal post tax-xogħol u jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi pubbliċi diġitali.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

(50) Ġiet ipprovduta awtovalutazzjoni tas-sigurtà, f'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241 għall-investimenti fil-kapaċitajiet diġitali u l-konnettività. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiddeskrivi kif ir-regolatur nazzjonali ħejja abbozz ta' ordinanza dwar il-mod u t-twaqqit tal-miżuri ta' implimentazzjoni biex jissalvagwardjaw is-sigurtà u l-integrità tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjoni, li tinkorpora rekwiżiti biex tiġi żgurata s-sigurtà tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika tal-5G, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Jannar 2020 "Introduzzjoni sigura tal-5G fl-UE - Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE"[9].

Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed

(51) Il-pjan jinkludi proġetti transfruntiera u multinazzjonali fi tliet oqsma. L-ewwel nett, hemm miżuri relatati mal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni taħt il-komponent tat-tranżizzjoni Diġitali, li jinkludi l-istabbiliment, l-aġġornament, l-interkonnessjoni tar-reġistri ewlenin u l-istabbiliment ta' Sistema Ċentrali għall-Interoperabbiltà f'konformità mal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF). It-tieni, taħt il-komponent tal-Edukazzjoni, it-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni għolja hija mistennija li tistimula u taċċellera l-involviment aktar b'saħħtu tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fi proġetti transfruntiera u multinazzjonali, b'mod partikolari proġetti li għalihom il-maturità diġitali hija kundizzjoni meħtieġa għall-parteċipazzjoni. It-tielet, taħt il-komponent tal-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, il-Programm għall-Iżvilupp tal-Provvista Pubblika tal-Ilma u l-Programm għall-Iżvilupp tad-Dranaġġ Pubbliku għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent billi jnaqqsu t-tniġġis tal-ambjent u tar-riżorsi tal-ilma, jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-korpi tal-ilma, u f'dan is-sens l-impatt tagħhom huwa transfruntier u globali.

Proċess ta' Konsultazzjoni

(52) Il-Kroazja wettqet proċess ta' konsultazzjoni qabel ma ppreżentat il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha u wettqet konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati wara l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjan lill-Kummissjoni f'Diċembru 2020. Bejn Jannar u Mejju 2021, l-awtoritajiet kellhom aktar minn 15-il laqgħa tematika ma' partijiet ikkonċernati differenti fejn ippreżentaw l-opportunitajiet tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Kroazja f'oqsma speċifiċi, l-istruttura, il-kriterji, il-proċess u l-komplementarjetajiet tagħha ma' fondi oħra tal-Unjoni. Is-sommarju tal-pjan ġie ppubblikat u ppreżentat lill-midja qabel l-adozzjoni fl-1 ta' April 2021. Wara l-

[9] COM/2020/50 final

adozzjoni mill-Gvern, is-sommarju tal-pjan tqiegħed fuq is-sit web tal-Gvern u ġie diskuss fil-Parlament fit-14 ta' April 2021.

(53) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Kroazja ma jindikax il-pjanijiet tal-awtoritajiet dwar kif il-partijiet ikkonċernati se jiġu inklużi fl-implimentazzjoni tal-pjan. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa ta' importanza kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-imsieħba soċjali fil-monitoraġġ tal-allokazzjoni territorjali tar-riżorsi fl-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fil-pjan.

Valutazzjoni pożittiva

(54) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar il-pjan Kroat għall-irkupru u r-reżiljenza bil-konstatazzjoni li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan, l-objettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-pjan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

(55) Il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Kroazja huwa ta' EUR 6 393 794 220. Minħabba li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE)2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Kroazja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Kroazja tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Kroazja.

(56) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Kroazja jrid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li issa jkun hemm ammont disponibbli għall-Kroazja għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk meħtieġ wara l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, jenħtieġ li l-Kunsill, bi proposta mill-Kummissjoni, jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata mingħajr dewmien żejjed.

(57) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mit-teħid b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom)2020/2053[10]. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba l-Kroazja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-objettivi intermedji rilevanti u l-miri identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

(58) Il-Kroazja talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Jenħtieġ li dan l-ammont ikun disponibbli għall-Kroazja soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.

(59) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief ir-

[10] ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

Regolament (UE) 2021/241 jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Kroazja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-objettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kroazja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 6 295 431 146[11]. L-ammont ta' EUR 4 631 762 551 għandu jkun disponibbli li jkun impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Soġġett għall-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 li jikkalkola ammont għall-Kroazja li jkun ugwali għal dan l-ammont jew ogħla minnu, ammont ulterjuri ta' EUR 1 663 668 594 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Kroazja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness. L-ammont ta' EUR 818 406 049 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13 fil-mija tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.

4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Kroazja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1, sabiex wieħed ikun eliġibbli

[11] Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Kroazja tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

għal pagament, l-objettivi intermedji u l-miri għandhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President